

# L-Istatwa Devota ta' Marija Bambina f'Birkirkara

Joseph L. Brincat

Fis-7 ta' Settembru li ġej, l-istatwa devota ta' Marija Bambina tal-Isla tagħlaq 75 sena minn meta ttieħdet lura lejn din il-belt Sengleana biex il-poplu Senglean ikun jista' jiċċelebra l-festa tagħha, b'devozzjoni, f'pajjiżu.

Skont studjużi tal-istorja, din l-istatwa kienet instabet fil-baħar fl-1618, flimkien ma' xi tifrik ieħor ta' xi xini nisranija, mill-Kavallieri ta' San Ġwann waqt li dawn kienu qegħdin ibaħħru fuq galjun tagħhom fil-baħar Adrijatiku.

Iktar tard, din l-istatwa ngħatat lill-Knisja Parrokkjali tal-Isla mill-Kaptan ta' dan il-galjun fuq talba ta' xi passiġġieri Maltin li kienu qegħdin ibaħħru fuq dan il-bastiment. Minn hawn 'il quddiem din l-istatwa baqgħet tiġi meqjuma f'din il-knisja parrokkjali tul iż-żminijiet b'għożża kbira.

Imbagħad insibu li fl-1813, faqqgħet il-pesta li bdiet taħsad il-ħajja ta' mijiet ta' nies Maltin. Il-Kapitlu Senglean wiegħed solennement li jekk il-belt tal-Isla ma tintmiss minn din il-marda qerrieda, huma kienu lesti li jagħmlu tliet purċissjonijiet, waħda minnhom bil-vara tal-Bambina u li din għandha tibqa' ssir kull sena fit-8 ta' Settembru. Bl-interċessjoni tal-Madonna, l-Isla ma ntmessitx minn din il-marda kiefra, u din il-wiegħda baqgħet tinżamm sal-ġurnata tal-lum.



Malli sar Arċisqof tad-djoċesi, Dom Mauro Caruana beda jirċievi talbiet minn ħafna Sengleani biex il-vara tal-Bambina tiġi nkurunata b'digriet mill-Vatikan. Iżda minħabba li f'dak żmien, id-dinja kollha kienet għaddejja minn żmienijiet koroh, l-Ewwel Gwerra Dinjija, ir-rikors lill-Kapitlu tal-Vatikan ma tressaqx qabel l-1920. Imbagħad ir-reskritt tal-inkurunazzjoni ħareġ fl-1 ta' Mejju tal-1920, u ġiet inkurunata nhar il-Ħadd, 4 ta' Settembru 1921, mill-Arċisqof Caruana stess.

Fil-11 ta' Ġunju tal-1940, Malta bdiet għaddejja mill-flaġell tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ajruplani tal-għadu bdew jibbumbardjaw lil Malta, u l-Knisja Parrokkjali tal-Isla, bħall-knejjes l-oħra kollha tal-Kottonera, ġiet f'periklu kbir peress li kienet ħdejn id-"dockyard".



Fil-bidu ta' Jannar tal-1941 l-"aircraft carrier" Illustrious flimkien ma' xi bastimenti oħra Ingliżi telqu minn Lixandra fi triqthom lejn Malta. Meta l-bastimenti kienu xi tmenin mil 'il bogħod minn Malta, ġew attakkati minn ajruplani Ġermaniżi. L-"aircraft carrier" Illustrious ġiet milquta diversi drabi, iżda b'xorti tajba ma għerqitx, anzi baqgħet tikkumbatti u rnexxielha tasal Malta, bil-lejl tal-10 ta' Jannar. Din ġiet sorġuta f'Parlatorio Wharf taħt Kordin in-naħa li tħares lejn l-Isla.



Ritratt meħud mill-ajru l-Illustrious

Fis-16 ta' Jannar 1941, f'xis-sagħtejn ta' waranofsinhar, Malta daqet għall-ewwel darba l-qilla tal-bumbardamenti tal-Luftwaffe. Dak il-ħin l-ajruplani Ġermaniżi ħabtu bla ħniena jattakkaw l-"aircraft carrier" Illustrious, u għal sagħtejn sħaħ, b'waqfa żgħira, l-Junkers u l-Messerschmitts u xi ajruplani Taljani attakkawha b'qilla kbira, ¡żda ma rnexxilhomx jgħarrquha.

Biss dak li ma għamlux lill-"aircraft carrier", għamluh lil Malta. Bombi immirati għal fuq l-aircraft carrier laqtu knejjes u bini ieħor fosthom il-Knisja Parrokkjali tal-Isla u s-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz tal-Birgu, barra għadd kbir ta' djar u bini ieħor.

Fl-1941, meta l-gwerra kompliet tiħrax, u saru dawk l-attakki qawwija fuq l-"aircraft carrier" Illustrious, l-istatwa tal-Bambina kienet qiegħda tinżamm fis-Sagristija, f'niċċa ġol-ħajt, fejn l-Arċipriet ħaseb li kienet qiegħda f'post sikur. Iżda mirakolożament ma ġralha xejn. Il-Kapitlu Senglean hawn iddeċieda li jieħu l-istatwa tal-Bambina, flimkien mal-istatwa mirakoluża tar-Redentur, u l-istatwa ta' Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesu, il-paramenti Sagri tal-festa titular, u bosta kwadri ċkejknin għall-kenn mill-bombi tal-għadu, fil-Knisja Kolleġjata Arċi-Matriċi ta' Birkirkara, u fl-20 ta' Jannar 1941 il-Bambina nġarret fuq l-idejn lejn Bormla, fejn ġiet mgħobbija fuq trakk u ttieħdet f'din il-knisja.

Jakkompanjaw l-istatwa fuq it-trakk fi triqitha lejn Birkirkara kien hemm l-Arċipriet u xi persuni oħra. Huma u sejrin fit-triq, irreċitaw kontinwament ir-Rużarju, b'tama li ma jmurx jigri li jiġu attakkati mill-ajru, u jtiru lkoll flimkien mal-Bambina.


Il-Knisja tal-Isla

Meta waslu f'Birkirkara sabu folla nies li kienet qiegħda tistennihom fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' Santa Liena. L-istatwa ġiet milqugħa b'applawsi, ċapċip u għajjat ta' ferħ. Xi saċerdoti, uħud minnhom mill-Isla, baqgħu deħlin bl-istatwa sa fuq l-altar maġġur. Imbagħad l-istatwa tqiegħdet f'post aktar żgur u fejn kulħadd seta' jinvistaha.

Din l-istatwa tħalliet fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara għal żmien il-gwerra, u hemm ġiet iċċelebrata l-festa tagħha fl-1942. Għal din il-festa ġarrew mill-Isla l-altar ta' quddiem il-vara, li proviżorjament kien merfugħ fl-Ospizju Sant'Anna. L-ewwel għasar u l-quddiesa pontifikali tmexxew mill-Isqof Galea. Waqt il-pontifikal, tqassmu 450 santa tal-Bambina li kienu ġew stampati fid-dar ta' San Ġużepp.

Is-sena 1943 ma kinitx qalila ħafna, u l-attakki kienu issa bdew jonqsu ġmielhom, fil-fatt bdew isiru anke xi festi, ta' xi bliet u rħula oħra Maltin. Għalhekk, ftit qabel il-festa tal-Bambina, il-Kapitlu tal-Isla ltaqa' fl-istitut ta' San Ġużepp, fil-Ħamrun biex jiddeċiedi jekk kellhomx jibqgħu bħal fi żmien il-gwerra, jġifieri jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina f'Birkirkara u fin-Naxxar. Jew jekk jiċċelebrawx il-festa, l-Isla.


Blokkijiet ta' bini fl-Isla imġarrfin

L-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Manwel Brincat issuġġerixxa li l-festa għandha ssir l-Isla, minkejja li l-biċċa l-kbira tal-bini, ¡nkluża l-Knisja Parrokkjali, kien ħerba. Il-Kapitlu qabel ma' din il-proposta u ivvota favur. Imbagħad Dun Manwel ippropona

li għall-festa, l-istatwa inkurunata tal-Bambina għandha tittieħed minn Birkirkara u tinġarr fil-purċissjoni, fl-Isla. Il-Kapitlu kien unanimament kontra din it-tieni proposta tal-Arċipriet. Il-gwerra wara kollox kienet għadha ma spiċċatx.



Triq il-Vittorja l-Isla

Iżda Dun Manwel ma qatax qalbu u qam u staqsa jekk il-membri tal-Kapitlu kinux lesti jħalluh jerfa' r-responsabbiltà tad-deċiżjoni waħdu. Ħadd m'oġġezzjona. U allura fis-7 ta' Settembru 1943, l-istatwa tal-Bambina nġarret lura minn Birkirkara għall-Isla fuq trakk mis-suldati Maltin tal-"King's Own Malta Regiment" (KOMR) u meta waslet ħdejn il-Bieb tal-Isla ntregħfet fuq l-ispallejn.

Tqiegħdet fis-sagristija tal-knisja parrokkjali li ma kinitx iġġarrfet. Minn hemm, ittieħdet proċessjonalment għall-knisja ta' San Filippu fuq il-ponta tal-Isla, qalb it-tifrik tad-djar imġarrfa. Sadanittant, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ħa ħsieb biex jagħmel passaġġ qalb il-ħerba ħalli l-purċissjoni tkun tista' tgħaddi.

L-għada 8 ta' Settembru, jum il-Vitorja, saret funzjoni b'solennità kbira daqs li kieku l-gwerra kienet spiċċat, u wara saret il-purċissjoni mat-toroq tal-Isla, fost it-tifrik ta' djar imġarrfa. Kienet verament purċissjoni solenni u l-poplu Senglean kollu talab lill-Madonna bil-ħerqa.

Dakinhar filgħaxija, waqt il-purċissjoni, meta l-vara kienet waslet ix-xatt tal-Isla, tħabbar ukoll li l-Itaija, wieħed mill-pajjiżi għedewwa, kienet ċediet. Dan sar permezz ta' mikrofoni minn fuq il-frejgati navali Ingliżi.

Dun Manwel Brincat ikompli jgħid fid-djarju tiegħu li matul il-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru, kellu qalbu ttaqtaq li ma jmurx jinqala' xi ħaġa u jkollu jġorr il-piż kollu waħdu. Biex iżidlu mal-anzjetà, dak il-lejl kien hemm "air raid warning" u kif daqq ir-"raid", qabeż 'il barra mis-sodda, u ħareġ jigri ħalli jara x'kien inqala'. Iżda b'xorti tajba għal kulħadd, l-ajruplani li ġew kienu tat-tkixxif, u bombi ma ntefgħux.